MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 528/1997/1

**Island Sound Limited**

**Vs**

**Elaine Mortimer f'isimha proprio u kif esercenti fin-negozju Kohlidas Restaurant**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta fil-kwalitajiet taghha kif premessi tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attrici s-somma ta' sebgha mija u sittin Lira Maltin u tlett centezmi (Lm760.03) rappresentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar u servizzi ohra relatati pprovduti mis-socjeta' attrici fuq istruzzjonijiet taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 18 t'April 1996 u tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 1996, oltrea ghall-imghax legali minn notiifak ta' l-ittra ufficjali sa' l-

effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 17 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar a bazi tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16.
2. L-irritwalita' tal-azzjoni attrici billi flimkien mal-avviz ma gewx ezebiti dokumenti biex jissostanzjaw l-ammont mitlub u dan bi ksur tal-artikolu 156(2) tal-Kap.12.
3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ukoll ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonjiet ohra.

Rat kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda annessi mal-istess nota ta' eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-atti, l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenuta gie decisa b'sentenza preliminari moghtija fil-5 ta 'Frar 2001 (fol 33 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward it-tieni eccezzjoni sottomessa a basi tal-artikolu 156(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hu minnu li, bhala stat ta' fatt mal-avviz in esami ma ngiebux id-dokumenti mehtiega biex issahhu t-talba . Pero jidher mill-istess atti li dan in-nuqqas kien gie sanat permezz ta' dokument a fol 29 sa fol 31 tal-atti u ghalhekk ma hux mehtieg li din l-eccezzjoni tigi ulterjorment konsiderata u deciza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward il-meritu tal-kaz xehed Colin Tabone (fol 27 et seq ibid) li esebixxa tlett fatturi minn fejn, skond l-istess xhud ir-reklamar msemmi fl-avviz kien sar "…. Minn 1995 il-quddiem".

Illi, oltre dak premess, is-socjeta attrici ma resqet ebda prova ohra (ara dak verbalizzat  waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2001 a fol 38 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, permezz ta' 'affidavit' a fol 42 tal-atti, sostniet illi matul is-sajf tal-1995 kienet giet informata li minhabba l-ammont ta' reklamar li kienet taghmel fuq l-istallazzjoni tar-radju tas-socjeta attrici, hi kienet ikkwalifikat ghal skema li permezz taghha kienet tinghata rata preferenzjali.  Dwar dan, is-'salesman' tas-socjeta attrici kien insista maghha illi ma kienx mehtieg illi r-reklamar kollu jigi utilizzat izda jekk filfatt kien jigi utilzzat kollu, kienet tkun intitolata ghal skont specjali.  Ghalhekk hi ffirmat f'isem socjeta kummercjali.  Dwar dan, pero', hi sottolineat illi kien gie utilizzat biss '…. A fraction of this advertising' .  Difatti, matul il-perjodu tal-Milied hi kienet rikoverata fl-Isptar San Luqa minhabba korriment u waqt l-istess rikoveru jidher li s-socjeta attrici kienet qed tinsisti '… that we sign an order to utilise the remaining advertising space left amounting to around some Lm400". Ghalhekk, mill-istess Sptar, hi kkuntattjat lill-istess socjeta attrici u informat li din "…that we did not want and should not be signing for this advertising as this was not what we had agreed to' u affermat "If you check this supposed booking order, you can see that it was never signed by me. Fl-ahharnett hi ssottolineat li '….. we in fact paid what we had used and we do not owe any of the remaining amount.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata bil-proci kif hawn fuq esposti u a basi taghhom ghandu jinghad is-segwenti:-

a. Il-provi prodotti mis-socjeta' attrici huma manifestament u altament insufficjenti sabiex jista' jigi konklus illi l-ammont pretiz fl-avviz hu dovut skond il-ligi u fuq basi ta' fatt. Difatti ma irrisultax illi r-reklamar in kwistjoni kien sar '… fuq struzzjonijiet taghhom' kif hemm allegat fl-avviz in esami.
b. Da parti taghha l-konvenuta issostni, kif hawn fuq sintetizzat, illi kull reklamar li gie utilizzat effettivament kien gie mhallas u ghalhekk l-istess reklamar, imsemmi fl-avviz, kien sar, jekk dan hu il-kaz, imghajr xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet involuti

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess it-talba attrici ghandha tigi respinta minhabba insufficjenza ta' provi kemm in rigward il-ftehim allegatament kien hemm bejn il-partijiet kemm in rigward in-nuqqas ta' hlas tal-ammont pretiz fl-istess avviz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------